**70. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi**:

Illi minkejja kull provvediemnti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura fuq l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali."

A. Illi l-Abbozz ta' Liġi jkun eżentat mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti Nru. 94); u jkun dikjarat urġenti, u aktar minn stadju wieħed ikun jista' jittieħed f'seduta waħda (Ref. Ordni Permanenti Nru. 93);

B. Illi d-diskussjoni fuq id-diversi stadji ta' dan l-Abbozz tkun eżentata mill-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, jekk dan ikun meħtieġ;

C. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu jittieħdu wara ħames minuti biss mill-ħin li fih ikunu ntalbu, u bla ma jgħaddu għoxrin minuta (Ordni Permanenti Nru. 84);

D. Illi d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari jekk ma tkunx intemmet qabel, ma għandhiex tieħu aktar minn siegħa u nofs, maqsuma ndaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni minn x'ħin tkun bdiet din id-diskussjoni li jkun hemm bżonn biex jintemm it-Tieni Qari;

E. Illi d-diskussjoni fil-Kumitat jekk ma tkunx internett qabel, ma għandhiex tieħu aktar minn nofs siegħa, maqsuma indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, minn x'ħin tkun bdiet din id-diskussjoni, meta ċ-Chairman minnufh inqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawsola, emenda jew skeda li dak il-ħin tkun qed tiġi diskussa, u jkompli jqiegħed il-mistoqsija fuq l-emendi li jibqa', u fuq il-klawsoli u l-iskedi l-oħra kollha, waħda wara l-oħra, mingħajr emendi jew diskussjoni;

iżda Ministru jista jressaq emendi u klawsoli ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli jew klawsoli ġodda mingħajr avviż titqiegħed mingħajr diskussjoni.

F. Illi t-Tielet Qari, jittieħed meta jintemm il-Kumitat, jew il-konsiderazzjoni mill-ġid fil-Kumitat.

14.07.1977